# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 13**

**Rikors kostituzzjonali numru 25/2016 JZM**

**Angelo Xuereb, Claire Zammit, Denise Xuereb u *Suncrest Hotels p.l.c.* (C 8643)**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'digriet mogħti fis-26 ta' April 2016 *EZ Limited* (C 45555), Marianne Bezzina u Felix Mifsud tħallew jintervjenu fil-kawża**
***in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-30 ta' Mejju 2017 li ċaħdet talba tagħhom għal dikjarazzjoni li nkiser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenz-

joni”] u biex jingħataw rimedju għal dan il-ksur. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B’kitba privata tat-22 ta’ Diċembru 2008 is-soċjetà attriċi *Suncrest Hotels p.l.c.* [“*Suncrest*”] kienet kriet immobbli lis-soċjetà *EZ Ltd* [“*EZ*”] (illum intervenuta fil-kawża). L-atturi jgħidu illi l-kiri għalaq fl-14 ta’ Frar 2015 iżda *EZ* baqgħet iżżomm il-fond għalkemm, kif igħidu l-atturi, ma kellhiex aktar titolu biex iżżommu.

3. Billi l-ftehim ta’ kiri kien fih klawsola arbitrali *Suncrest* fetħet proċedura ta’ arbitraġġ kontra *EZ* u kontra l-intervenuti l-oħra; dawn, min-naħa tagħhom, ressqu kontro-talba kontra *Suncrest* u talbu dikjarazzjoni li l-kiri kellu jgħalaq fis-7 ta’ Ġunju 2016, mhux fl-14 ta’ Frar 2015 kif qalet *Suncrest*. Talbu wkoll il-ħlas ta’ danni għax qalu illi *Suncrest* qatgħet is-servizz tal-elettriku fil-fond mikri.

4. F’Diċembru tal-2015 l-atturi Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb [“l-atturi *proprio*”] tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mixlija b’eżerċizzju arbitrarju ta’ pretensjonijiet talli qatgħu s-servizz tal-elettriku. Huma talbu illi l-proċedura penali tieqaf sakemm tinqata’ l-kwistjoni quddiem l-arbitraġġ “għaliex, minkejja li l-arbitraġġ mhijiex proċedura penali, iż-żewġ kawzi tabilfors iridu jaslu għall-konklużjoni ta’ jekk l-esponenti humiex ħatja tal-qtugħ tas-servizz tad-dawl mill-proprjetà in kwistjoni”, iżda b’dikriet tal-1 ta’ Frar 2016 il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba u għalhekk il-proċedura penali u dik tal-arbitraġġ sejrin jibqgħu mexjin flimkien.

5. L-atturi jgħidu illi dan ikun bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, kemm għax

> »… … … kwalunkwe xiehda li tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-proċeduri penali fil-konfront tal-esponenti se jkun jista' jintuża mill-kontroparti kontra l-istess esponenti fil-proċeduri ta' arbitraġġ, iżda bil-vantaġġ illi l-fatti u l-argumenti mressqa minnhom m'għandhomx għalfejn jiġu ppruvati sal-grad ta' "*beyond reasonable doubt*" kif inhu l-każ fil-kriminal.«

u kif ukoll għax:

> »… … … issa jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' inċertezza, għaliex jista' jkun il-każ li se jkun hemm żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti fil-konfront tagħhom fis-sens li billi l-grad ta' prova fiċ-ċivil huwa biss "*on a balance of probabilities*", jista' jagħti l-każ li l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx konvinta "*beyond reasonable doubt*", u b'hekk teħles lill-esponenti mill-akkużi miġjuba kontriehom, iżda li mbagħad l-arbitraġġ jiġi deċiż kontra tagħhom abbażi tal-istess provi miġjuba fil-proċeduri kriminali, ghaliex il-grad ta' prova kienet biss "*on a balance of probabilities*."«

6. Għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li bid-dikriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar 2016, id-drittijiet tal-esponenti taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew vjolati;
>
> »2. tħassar … l-istess dikriet;
>
> »3. tordna s-soprasessjoni tal-kawża kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) *v.* Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb</u>";
>
> »4. tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa sabiex l-esponenti jitpoġġu fis-*status quo ante* tal-vjolazzjoni.«

7. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Fil-mertu, l-ilmenti tar-rikorrenti huma dawn:-
>
> »illi jekk din il-qorti ma ssibx vjolazzjoni għax mhux se jkun hemm soprasessjoni, il-proċediment ta' arbitraġġ ser jitlef l-iskop u l-effett tiegħu, u b'hekk ikun hemm vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq għaliex mhux se jkollhom aċċess effettiv għall-qorti billi materja ta' natura ċivili tiġi determinata u deċiżjoni minn tribunal b'kompetenza ċivili fejn il-qies tal-prova jiġi miżurat biss fuq bilanċ ta' probabilitajiet;
>
> »illi l-fatt illi prova li tkun saret fi proċediment kriminali tista' tintuża kontra r-rikorrenti meta hemm l-iskrutinju huwa dak ta' prova lil hinn

minn dubju dettat mir-raġuni tqiegħed lir-rikorrenti fi żvantaġġ fil-konfront tal-parti avversarja bi ksur tal-prinċipju ta' *equality of arms* li huwa integrali fid-dritt għal smigħ xieraq.

»… … …

». L-ilmenti tar-rikorrenti

»a) Bil-mod kif tqies il-proċediment arbitrali kien hemm leżjoni tad-dritt għal aċċess effettiv għal qorti

»Ir-rikorrenti jilmentaw illi kien ikun għaqli għall-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali illi tistenna l-eżitu tal-proċediment arbitrali, peress li l-proċediment tal-aħħar kien jittratta dwar l-okkupazzjoni illegali tal-fond *de quo*, u l-inadempjenza da parti tal-intervenuti fil-kawża li jħallsu ammonti dovuti lir-rikorrenti; *inoltre* kien hemm kontrotalba għal spejjeż li allegatament kienu inkorsi mill-intervenuti fil-kawża b'effett tal-qtugħ tad-dawl fil-fond *de quo*.

»Ingħad mir-rikorrenti illi abbażi tar-rekwiżiti tar-reat ta' *ragion fattasi* li bih huma akkużati r-rikorrenti, jirriżulta li sabiex il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ssibhom ħatja skont l-akkuża kien ser ikollha tidħol fil-kwistjoni tal-okkupazzjoni tal-fond mill-intervenuti fil-kawża, li huwa wkoll il-mertu ta' l-arbitraġġ.

»Ir-rikorrenti jsostnu li l-kwistjoni tal-okkupazzjoni illegali tal-fond hija kwistjoni li ma tirrikjedix indaġini approfondita.

»Saret insistenza mir-rikorrenti illi l-proċeduri ta' arbitraġġ ser jitilfu l-iskop tagħhom bi preġudizzju kbir għalihom speċjalment fid-dawl tal-ispejjeż li ħallsu għal dawk il-proċeduri. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn il-kawża kriminali sejra twarrab l-effettività tal-proċeduri tal-arbitraġġ, kif ukoll se jkun hemm leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti li l-każ tagħhom jiġi deċiż minn tribunal ta' kompetenza ċivili fejn il-grad ta' prova huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet.

»Premess l-ilment, il-qorti tqis li … … … għandha ssir distinzjoni bejn proċeduri kriminali u proċeduri ċivili li min-natura tagħhom huma distinti minn xulxin, tant li azzjoni ċivili hija kompletament indipendenti mill-azzjoni kriminali.

»Minn eżami tal-proċeduri in kwistjoni, jirriżulta li l-proċediment arbitrali kien istitwit sabiex jeżamina l-kuntratt ta' kiri datat 22 ta' Diċembru 2008, u sabiex *inter alia* jiġi ordnat l-iżgumbrament tal-intervenuti fil-kawża odjerni, mentri fil-kontrotalba l-intervenuti fil-kawża odjerni talbu dikjarazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt ta' kiri, kif ukoll likwidazzjoni ta' danni sofferti minnhom *in vista* ta' qtugħ tal-provvista tad-dawl fil-31 ta' Awissu 2015 u fit-2 ta' Settembru 2015. Minn eżami tal-kwerela jirriżulta li l-kawża kriminali kienet istitwita minħabba l-qtugħ tal-provvista tad-dawl fil-31 ta' Awissu 2015 u t-2 ta' Settembru 2015.

»Għalhekk il-kontrotalba tirrigwarda l-istess fatti mertu tal-proċeduri kriminali.

»Minkejja dan kollu l-azzjoni ċivili u l-azzjoni penali jibqgħu separati, distinti u indipendenti minn xulxin.

»Tajjeb jingħad illi l-liġi tagħna tagħmel distinzjoni netta bejn iż-żewġ tipi ta' azzjoni li jitnisslu minn reat għaliex jimxu b'mod indipendenti minn xulxin u bi grad ta' prova distint għaż-żewġ proċedimenti. Fil-kawża kriminali, il-grad tal-prova jrid jwassal *oltre* kull dubju dettat mir-

raġuni waqt illi fl-azzjoni ċivili l-grad ta' prova huwa dak tal-bilanċ ta' probabilitajiet: bejn iż-żewġ gradi ta' prova hemm differenza evidenti *of degree.*

»Id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet hija riflessa fl-art. 3 tal-Kap. 9 li jgħid hekk :-

> »"(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.
>
> »"(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.
>
> »"(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat."

»… … …

»Il-fatt li tkompli l-azzjoni penali, b'mod awtonomu, fil-pendenza tal-proċediment arbitrali, ma jfissirx b'daqshekk li hekk kif l-azzjoni penali tkun deċiża, ikun x'ikun l-esitu tagħha, il-proċediment arbitrali jsir inutili u irrilevanti.

»… … … jibqa' intatt l-obbligu li l-provi kollha jitressqu kollha kemm huma kemm fil-proċediment penali kif ukoll dak ċivili.

»Fil-kawża penali mhux ser jiġi deċiż xi dritt jew obbligu ċivili.

»Il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali sejra tistabilixxi jekk hemmx il-prova tal-akkuża kif dedotta kontra r-rikorrenti. L-għan tal-proċess kriminali huwa li tiġi komminata piena kontra l-akkużati fil-każ illi jirriżultaw ippruvati l-akkużi dedotti kontra tagħhom skont kif jipprovdi d-dritt penali.

»Fil-proċediment kriminali, l-akkużati għandhom id-dritt għas-silenzju u jibqa' dejjem fuq spallejn il-prosekuzzjoni l-oneru tal-prova tal-akkuża kontra l-akkużati.

»Il-qorti ma tarax illi huwa fondat l-argument tar-rikorrenti meta jissottomettu illi kwalunkwe xiehda illi tinstema' fil-proċeduri penali tkun tista' tintuża fil-proċeduri ta' arbitraġġ. Ir-rikorrenti jibqgħu liberi illi jirregolaw ruħhom, indipendentement liema proċediment ikun deċiż l-ewwel. Għalhekk il-fatt illi ż-żewġ proċeduri jibqgħu għaddejjin fuq binarji paralleli ma jammontax għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

»… … …

»… … … din il-qorti tistqarr illi ma ngħatawx raġunijiet tajbin biżżejjed min-naħa tar-rikorrenti sabiex juru li d-digriet li ċaħad is-soprasessjoni kien tassew jissarraf fi preġudizzju għall-proċeduri ta' arbitraġġ pendenti.

»Qed jingħad hekk għaliex jibqa' impreġudikat id-dritt tar-rikorrenti li fit-tmiem tal-proċeduri iressqu mill-ġdid l-ilmenti tagħhom, fil-każ li b'xi mod jew manjiera jkun jirriżulta li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

»Almenu fl-istadju tal-lum, il-qorti tgħid illi mhuwiex ippruvat għas-sodisfazzjon tagħha kif previst mil-liġi illi bil-prosegwiment taż-żewġ proċeduri – b'mod distint bejniethom – ser ikun hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq hekk kif pretiż mir-rikorrenti.

»Lanqas huwa fondat l-argument tar-rikorrenti illi jekk il-proċedura kriminali titħalla tinstema', ir-rikorrenti jistgħu jsibu ruħhom fis-sitwazz-

joni fejn jinstabu ħatja fil-proċedura penali u jingħataw raġun fl-arbitraġġ.

»Meta tqis in-natura distinta taż-żewġ proċedimenti, din il-qorti ma ssib xejn barra min-normal illi persuni jistgħu jiġu meħlusa kriminalment, u xorta waħda jinstabu responsabbli fi proċeduri ċivili.

»Fid-deċiżjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2016[1] fil-każ taħt eżami qalet hekk:-

> »"Din il-qorti fil-fatt tqis ir-rikors tal-atturi għal ordni ta' soprasessjoni u l-appell mid-dikriet li ċaħad it-talba bħala għal kollox frivoli u maħsuba biex jarenaw il-proċeduri kriminali kontriehom.
>
> »"Ir-raġuni hi illi għall-għanijiet tal-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali (eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet) li taħtu ġew mixlija l-atturi huwa indifferenti jekk il-jedd pretiż huwiex fondat jew le. L-iskop tal-liġi hu l-ħarsien tal-ordni pubbliku billi min jippretendi li għandu jedd ifittex il-ħarsien ta' dak il-jedd b'mezzi legali (*vie di diritto*) u mhux billi jieħu l-liġi f'idejh (*vie di fatto*). Ukoll jekk min jippretendi li għandu dritt tassew ikollu d-dritt minnu pretiż, xorta għandu jinqeda bil-mezzi legali biex jikseb il-ħarsien ta' dak il-jedd, u jekk, minflok, jieħu l-liġi b'idejh, xorta jkun ħati ta' eżerċizzju arbitrarju.
>
> »"Il-qorti ma hi b'ebda mod tgħid illi l-qtugħ tal-elettriku huwa eżerċizzju arbitarju ta' dritt – dik hija kwistjoni mħollija għad-deċiżjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali – qiegħda tgħid biss illi huwa indifferenti għall-iskop ta' dik id-deċiżjoni jekk l-atturi kellhomx jew le dak id-dritt u għalhekk ikun inutli li l-proċeduri kriminali jieqfu jistennew id-deċiżjoni ċivili dwar id-dritt tal-atturi."

»b) Karenza ta' *equality of arms*

»Sar l-argument illi x-xiehda li saret fil-proċediment penali kienet sejra tintuża fil-proċediment arbitrali ċivili kontra r-rikorrenti.

»Skont ir-rikorrenti, id-diverġenza fil-gradi ta' prova fiż-żewġ proċedimenti ġġib vjolazzjoni tal-kriterju tal-*equality of arms*.

»… … …

»Fejn jirrigwarda dan it-tieni lment, din il-qorti tqis li m'għandux fondament peress illi ma jirriżulta l-ebda żbilanċ fl-*equality of arms* hekk kif qed jiġi allegat.

»Il-proċeduri ċivili għandhom jieħdu l-kors tagħhom bħalma ser jieħdu l-kors tagħhom il-proċeduri penali.

»Il-qorti m'għandhiex l-iċken dubju illi min sejjer jiddeċiedi l-proċediment ċivili u dak penali sejjer joqgħod ma' dak li trid il-liġi; *del resto* m'għandhiex prova li tgħid il-maqlub.

»*Decide*

»Għar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:-

»tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali;

»tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

---

[1] B'din id-deċiżjoni kienet ġiet miċħuda talba tal-atturi tallum biex tiġi ordnata s-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sakemm tinqata' din il-kawża kostituzzjonali.

»Tordna lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tagħhom u dawk tal-intimat Avukat Generali.

»Tordna lill-intervenuti fil-kawża sabiex iħallsu l-ispejjeż tagħhom.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tad-19 ta' Ġunju 2017 li għalih wieġbu l-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Lulju 2017 u l-intervenuti fit-28 ta' Lulju 2017.

9. L-atturi ressqu tliet aggravji li fil-qosor fissruhom hekk:

»a) l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra li l-proċeduri tal-arbitraġġ huma differenti minn kawża ċivili għad-danni naxxenti minn reat u li dawn ġew intavolati qabel il-proċeduri kriminali;

»b) l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta stqarret illi ma ngħatawx raġunijiet tajbin biżżejjed sabiex juru li d-dikriet li ċaħad is-soprasessjoni kien tassew jissarraf fi preġudizzju; u

»ċ) l-ewwel qorti naqset tapplika d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 li jipproteġu lill-individwu meta d-drittijiet tiegħu jkunu x'aktarx ser jiġu vjolati.«

10. Din il-qorti tosserva, qabel xejn, li din hija kawżà li setgħet inqatgħet b'eżami biss tal-atti tal-arbitraġġ u dawk tal-proċedura penali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Eżami *ictu oculi* ta' dawk l-atti kien juri illi fil-proċedura tal-arbitraġġ il-parti hija l-attriċi *Suncrest Hotels p.l.c.* waqt illi l-proċedura penali qiegħda titmexxa kontra l-atturi *proprio*: la s-soċjetà attriċi ma hija parti fil-proċedura penali – u għalhekk din *neque nocet neque prodest* għaliha – u lanqas l-atturi *proprio* ma huma parti fil-proċedura tal-arbitraġġ, li għalhekk ukoll għalihom dik il-proċedura *neque nocet neque prodest*.

11. Ukoll li kieku kien minnu dak li jgħidu l-atturi – li ma hu minnu xejn – li d-deċiżjoni fil-proċedura penali tiddetermina dak li jiġi deċiż fl-arbitraġġ, jew *vice versa*, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum l-ebda waħda mill-proċeduri ma jista' jkollha effett jew impatt fuq l-oħra għax il-partijiet huma differenti.

12. Din il-konsiderazzjoni kellha tkun biżżejjed biex il-kawża tintefa' 'l barra mill-ewwel; hija wkoll biżżejjed biex l-appell jiġi miċħud bla aktar ħela ta' ħin billi l-aggravji tal-appell huma għalkollox irrelevanti għall-meritu tassew tal-kawża.

13. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

14. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell – ħlief dawk tal-intervenuti, li għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom – iħallsuhom l-atturi appellanti.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat registratur
rm